A.L. 94 ta' l-1997

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti ta' l-1997 dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Oġġetti ta' Ingombru fir-Regolament tat-Traffiku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 17 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Kummissarju tal-Pulizija bil-parir tal-Bord għall-Kontroll tat-Traffiku u bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Oġġetti ta' Ingombru fir-Regolament tat-Traffiku. Titolu.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tehtieġx xort'oħra, il-frażi – Tifsir.

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju tal-Pulizija, membri tal-Korp tal-Pulizija jew kull persuna jew grupp ta' persuni minnu debitament awtorizzati għal għanijiet speċifiċi ta' dawn ir-regolamenti;

"żona ta' klampjar" u "żona ta' rmonk" tfisser kull post jew area li jistgħu jiġu indikati b'avviż maħruġ mill-Kummissarju u permezz ta' sinjali u marki li jsiru skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-1969 dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata, fejn l-ipparkjar projbit ta' vetturi jkun jagħti lok għat-twaħħil ta' klampi mar-roti jew l-irmonk 'l barra ta' dawk il-vetturi minn dik iż-żona, skond il-każ. A.L. 94 ta' l-1969.

"oġġetti ta' ingombru" tfisser kull vettura bil-mutur, biċċa tal-baħar jew kull ħaġa oħra li tostakola jew b'xi mod ieħor toħloq xi diżordni jew inkonvenjent f'xi triq, moll, xatt jew post pubbliku ieħor;

3. Il-Kummissarju jista' jneħħi, jaħżen u jiddisponi minn kull oġġett ta' ingombru li jkun qiegħed joħloq xi diżordni, inkonvenjent jew ostaklu u li jkun qiegħed f'post jew f'imkien li ma jkunux permessi skond il-liġi li jintużaw għal dak l-iskop, jew jekk dak il-post jew imkien, ikunu speċifikament indikati bħala żona ta' rmonk. Tneħħija ta' oġġetti ta' ingombru minn żona ta' rmonk.

Twahhil ta' klampi f'żona ta' klampjar.

4. Il-Kummissarju jista' jqieghed klampi mar-roti ta' kull vettura bil-mutur li tkun qeghda pparkjata jew imhollija f'area speċifikament indikata bhala żona ta' klampjar.

Tnehhija tal-klampi.

5. Il-klampi tar-roti la ghandhom jitnehhew mill-Kummissarju u lanqas m'ghandha l-vettura tiġi ritornata lil sidha qabel ma jkun thallas dritt impost mill-Kummissarju skond dawn ir-regolamenti:

Iżda jekk sid il-vettura klampjata jonqos milli jhallas dak id-dritt fi żmien raġonevoli li ma jkunx aktar minn 24 siegha, il-vettura klampjata tiġi mnehhija miż-żona ta' klampjar, u jibdew japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (a), (b) u (ċ) tar-regolament 9 ta' dawn ir-regolamenti.

Eżenzjoni minn responsabbiltà.

6. Il-Kummissarju ghandu jkun mehlus minn kull responsabbilità ghal danni li jiġu kaġunati bit-tqeghid ta' klampi jew bit-tnehhija taghhom, u l-hażna u t-tnehhija ta' oġġetti ta' ingombru, skond ir-regolamenti 3, 4 u 5 ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda persuna li taġixxi b'malizja jew li tkun hatja ta' negliġenza kbira fit-twettiq ta' dmirijietha waqt it-twahhil jew it-tnehhija ta' klampi, jew il-hażna jew tnehhija ta' vettura, ma tkunx eżonerata mir-responsabbiltà ghad-danni kaġunati.

Avviż ta' tnehhija u hazna.

7. (1) Il-Kummissarju ghandu jippubblika Avviż ta' Tnehhija fil-Gazzetta, li fih jiddeskrivi l-oġġett ta' ingombru mnehhi u jssemmi l-post eżatt mnejn dan ikun tnehha.

(2) Il-Kummissarju ghandu jsemmi wkoll fl-istess avviż il-post fejn l-oġġett ta' ingombru jkun qieghed jiġi mahżun.

Disponiment ta' oġġetti ta' ingombru.

8. (1) Il-Kummissarju tal-Pulizja jista' jordna l-bejgh ta'oġġett ta' ingombru jekk dan ikun ghadu ma ttehidx lura mis-sid leġittimu tieghu fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' Avviż ta' Tnehhija mill-Kummissarju fil-Gazzetta u fi tliet ġurnali lokali ohra, li bih isejjah lil dak is-sid sabiex jiehu lura dak l-oġġett wara li jġib prova biżżejjed tat-titolu tieghu ghal dak l-oġġett, jew dik il-garanzija li l-Kummissarju jista' jqis li tkun biżżejjed u li tkun ta' indennizz ghalih kontra kull talba li jkollha x'taqsam mar-ritorn ta' dak l-oġġett lis-sid leġittimu tieghu:

Iżda fil-każ ta' oġġetti ta' ingombru li jkunu jikkonsistu f'vetturi bil-mutur abbandunati li ma jkunux tajbin biex jintużaw fit-triq, il-Kummissarju jista' jordna l-qerda taghhom fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' l-imsemmi Avviż ta' Tnehhija.

(2) Il-Kummissarju ghandu jutilizza d-dhul mill-bejgh l-ewwel sabiex jikkumpensa kull dritt dovut lilu ghat-tnehhija jew ghall-hażna, u mbaghad wara sabiex jirrifondi kull bilanċ li jifdal favur dawk il-persuni li kien ikollhom jedd li jieħdu lura l-oġġett ta' ingombru.

(3) Kull bejgh li jsir skond il-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament ghandu jsir jew b'irkant pubbliku jew wara sejha ghall-offerti.

(4) Il-Kummissarju jista' jiddisponi, fid-diskrezzjoni tieghu, minn dawk l-oġġetti ta' ingombru li ma jkunux ġew ritornati jew mibjugha, b'irkant pubbliku jew wara sejha ghall-offerti, wara li jkun ta avviż ta' mill-inqas xahar lill-Ministru responsabbli ghall-finanzi.

9. Ghandhom jithallsu lill-Kummissarju dawn id-drittijiet li ġejjin: Drittijiet li jingabru mill-Kummissarju.

(a) ghat-tnehhija tal-klampi Lm30

(b) ghall-irmonk ta' oġġett ta' ingombru u ghall-hażna tieghu matul l-ewwel 24 siegha jew parti minnhom Lm45

(ċ) ghall-hażna ta' l-oġġett ta' ingombru wara l-ewwel 24 siegha, ghal kull ġurnata jew parti minnha Lm3

(d) ghall-bejgh b'irkant jew kull ghamla ohra ta' tnehhija ta' oġġett ta' ingombru Lm20

Iżda meta jidhlu spejjeż ohra li jkunu iżjed minn kull dritt partikolari fil-paragrafi (a), (b), (ċ) u (d) ta' dan ir-regolament, il-Kummissarju jkollu d-dritt ukoll li jiġbor dawk l-ispejjeż u sussegwentement li jnaqqashom mid-dhul tal-bejgh jew tnehhija ta' oġġett u li jesiġi l-pagament relattiv taghhom qabel ma jitlaq minn taht idejh l-oġġett sew lis-sid leġittimu tieghu sew lix-xerrej fil-każ ta' bejgh b'irkant.

10. Kull miżura li tittieħed mill-Kummissarju taht dawn ir-regolamenti m'ghandhiex tkun ta' preġudizzju ghal kull azzjoni kriminali jew ċivili ohra. L-azzjonijiet kriminali u ċivili jibqghu impreġudikati.

11. (1) Kull persuna mhux awtorizzata li tittanta tnehhi, jew tnehhi, l-klampi li jitqeghdu mar-roti ta' vettura bil-mutur, jew li tittanta tnehhi, jew tnehhi, vettura bil-mutur bi klampi mqieghda mar-roti, tkun hatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti. Reati.

(2) Fil-każ ta' xi persuna li tostakola jew mod iehor tohloq xi diżordni jew inkonvenjent permezz ta' oġġett ta' ingombru f'xi triq, moll, xatt jew post iehor, il-Qorti tista' fuq it-talba tal-prosekuzzjoni, b'żieda mal-piena applikabbli ghal reat bhal dak, twahhal lil dik il-persuna piena addizzjonali li tkun ekwivalenti ghad-drittijiet dovuti lill-Kummissarju skond ir-regolament 9 ta' dawn ir-regolamenti.

Jirrevoka l-A.L. 20 ta' l-1991.

12. Ir-Regolamenti ta' l-1991 dwar it-Tnehhija ta' Ingombru fir-Regolament tat-Traffiku, ukoll maghrufa bhala r-Regolamenti ta' l-1991 li jipprovdu ghat-tnehhija ta' Ingombru, huma b'dan revokati.